**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

**Appell Nru: 54/2014**

**Il-Pulizja**

**Spettur Trevor V. Micallef**

**Vs**

**Silvio (Salvatore) Aquilina**

Illum 24 ta' Settembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Silvio (Salvatore) Aquilina detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 217866M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-21 ta' Lulju, 2012, ghall-habta ta' bejn l-16:30hrs u 16:45hrs gewwa Dorvio, Triq il-Qantar, Swieqi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-Awtorita' tieghu innifsu jew fixkel lill-Doreen (Maria Dolores) Aquilina fil-pussess ta' hwejjigha jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Frar, 2014, fejn wara li kkunsidrat illi l-fatti juru b'mod inekwivoku li l-

imputat appellant kien responsabbli fl-ezercitu ta' dritt pretiz senjatament billi xekkel lill-martu milli tkun tista' taccedi ghad-dar matrimonjali u ghalhekk wara li sabitu hati u rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannatu ghall-hlas ta' multa fis-somma ta' elf u mitt Ewro (€1100).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Silvio Aquilina, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni mressqa fil-konfront tieghu minhabba s-segwenti aggravji:

1. L-ewwel Onrabbli Qorti naqset milli taprezza bizzejjed il-fatt li l–provi u xhieda li kienu verament relevanti ghall-akkuza mressqa fil-konfront tal-esponent ma setghux iwasslu ghal sejbien ta' htija ai termini tal-elementi rekwiziti biex tinstab htija fir-rigward tal-akkuzi mressqin fi-konfront tieghu stante li kuntrarjament ghal dak meqjus fis-sentenza appellata, ir-rekwiziti generici li huma rikjesti fil-kamp penali biex tinstab htija, u l-elementi specifici ta' *ragion fattasi* ma kienux kollha sodisfatti f'dan il-kaz;
2. Illi konsegwentement, id-decizzjoni moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti, in vista tan-nuqqasijiet elenkati fl-ewwel aggravju, inghatat b'applikazzjoni hazina tal-ligi u cioe' tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ser ikun spjegat;
3. Illi Assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, anki li kieku ghall-grazzja tal-argument kellha tinstab htija, il-piena moghtija ta' multa ta' elf u mitt Ewro (€1,100) imposta fuq l-imputat, tneut kont tac-cirkostanzi ta' kif sehhew il-fatti relevanti ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, ma kinitx wahda ragjonevoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fis-seduta appuntanta ghas-smiegh ta' dan l-appell, l-kwerelanti assistita mil-avukat ta' fiducja taghha, rrinunzjat ghal-kwerela minnha registrata u li tat lok ghal-proceduri odjerni;

Ikkunsidrat:

Illi ghad illi huwa pjuttost insolitu li l-kwerelant vincenti fil-prim'istanza jirtira l-kwerela tieghu fi stadu ta' revizzjoni ta' sentenza deciza favorevolment ghalih, din il-Qorti ma tistghax ma tiehux l-okkazzjoni li tghin fit-tkattir ta' relazzjoni pacifika bejn konjugi li ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Issa, r-rejat li tieghu instab hati l-appellant huwa wiehed li huwa prosegwibbli ad istanza tal-parti u fil-fatt kien l-avukat tal-kwerelanti li fi zmien erbat ijiem mill-akkadut kien kiteb lill-pulizija ezekuttiva sabiex tinizzja procedura kontra l-imputat ghal-akkuza odjerna (fol 18). La darba din il-kwerela tista' tkun irtirata fi kwalunkwe stadju kompriz dak tal-appell ex artikolu 545(1) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qeghdha taccetta din ir-rinunzja anke fi spirtu rikonciljattiv bejn il-partijiet;

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-procediment ezawrit u konsegwentement tillibera lill-imputat.